

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1331 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tal-15 ta' Settembru 2020****li tinnomina kapijiet ta' unitajiet ta' xogħol biex jadottaw deċiżjonijiet ta' kompetenza u idoneità u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2017/936 (BĊE/2020/39)**

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2017/933 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Novembru 2016 dwar qafas ġenerali għad-delegazzjoni ta' setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal strumenti legali relatati ma' kompiti superviżorji (BĊE/2016/40) ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 5 tagħha,Wara li ra d-Deċiżjoni (UE) 2017/935 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Novembru 2016 dwar id-delegazzjoni tas-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet ta' kompetenza u idoneità u l-evalwazzjoni ta' rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità (BĊE/2016/42) ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

- (1) Ġiet stabbilita proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet iddelegati speċifiċi biex tindirizza n-numru konsiderevoli ta' deċiżjonijiet illi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irid jadotta għat-tweqqi tal-kompiti superviżorji tiegħu.
- (2) Deċiżjoni ta' delega hija effettiva mal-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Bord Eżekuttiv li taħtar kap ta' unità ta' xogħol wieħed jew aktar biex jieħu jew jieħdu deċiżjonijiet abbażi ta' deċiżjoni ta' delega.
- (3) L-importanza tad-deċiżjoni ta' delega u n-numru ta' destinatari li lilhom iridu jintbagħtu d-deċiżjonijiet iddelegati għandhom jiġu kkunsidrati mill-Bord Eżekuttiv fil-ħatra ta' kapijiet ta' unitajiet ta' xogħol.
- (4) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/936 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/16) ⁽³⁾ tispeċifika l-kapijiet tal-unitajiet ta' xogħol biex jadottaw deċiżjonijiet delegati skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/935 (BĊE/2016/42).
- (5) L-Artikolu 10.1 tad-Deċiżjoni BĊE/2004/2 ⁽⁴⁾ jipprovdi li l-Bord Eżekuttiv għandu jiddeċiedi dwar in-numru, l-isem u l-kompetenza rispettiva ta' kull waħda mill-unitajiet ta' xogħol tal-BĊE.
- (6) Fl-1 ta' Ottubru 2020, se jsiru bidliet organizzattivi fis-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE, inkluż il-ħolqien ta' żewġ oqsma ta' ħidma addizzjonali, ir-ridistribuzzjoni tal-kompiti u l-ġħoti ta' isem ġdid lill-oqsma ta' ħidma. B'riżultat ta' dan, id-Deċiżjoni (UE) 2017/936 (BĊE/2017/16) mhux se tibqa' tirrifletti l-istruttura organizzattiva tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE.
- (7) Il-President tal-Bord Superviżorju ġie kkonsultat dwar il-kapijiet ta' unitajiet ta' xogħol li lilhom għandha tiġi ddelegata s-setgħa biex jadottaw deċiżjoni ta' kompetenza u idoneità.
- (8) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2017/936 (BĊE/2017/16) għandha titħassar.

⁽¹⁾ ĠU L 141, 1.6.2017, p.14.⁽²⁾ ĠU L 141, 1.6.2017, p. 21⁽³⁾ Deċiżjoni (UE) 2017/936 tal-BĊE tat-23 ta' Mejju 2017 li tinnomina kapijiet ta' unità ta' xogħol biex jadottaw deċiżjonijiet iddelegati ta' kompetenza u idoneità (BĊE/2017/16), ĠU L 141, 1.6.2016, p. 26).⁽⁴⁾ Deċiżjoni BĊE/2004/2 tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 01 Volum 005 P. 46 - 50).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Deċiżjonijiet iddelegati ta' kompetenza u idoneità

Deċiżjonijiet iddelegati skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/935 (BĊE/2016/42) huma adottati mid-Direttur Ġenerali jew mid-Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tal-MSU għall-Governanza u l-Operazzjonijiet – jew jekk ma jkunux disponibbli mill-Kap tad-Diviżjoni Kompetenza u Idoneità – u minn wieħed mill-kapijiet ta' unitajiet ta' xogħol li ġejjin:

- (a) id-Direttur Ġenerali jew Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali Banek Sistemiċi u Internazzjonali, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp rilevanti taħt superviżjoni titwettaq mid-Direttorat Ġenerali Banek Sistemiċi u Internazzjonali;
- (b) id-Direttur Ġenerali jew Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali Istituzzjonijiet Universali u Diversifikati, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp taħt superviżjoni rilevanti tkun imwettqa mid-Direttorat Ġenerali Istituzzjonijiet Universali u Diversifikati;
- (c) id-Direttur Ġenerali jew id-Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali Istituzzjonijiet Speċjalizzati u Istituzzjonijiet Inqas Sinjifikanti, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp rilevanti taħt superviżjoni titwettaq mid-Direttorat Ġenerali Istituzzjonijiet Speċjalizzati u Istituzzjonijiet Inqas Sinjifikanti.

Artikolu 2

Revoka u dħul fis-seħħ

- 1. Id-Deċiżjoni (UE) 2017/936 (BĊE/2017/16) hija mħassra.
- 2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2020.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-15 ta' Settembru 2020.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE
